TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 462/11/GZ

**Karl Debono**

**vs**

**Go plc.**

Illum 7 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-31 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal mobile phone, li hariglu difett, liema difett is-socjeta' ntimata rrifjutat li tiehu responsabbilta' ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

F'Dicembru 2009 huwa kien ikkonkluda ftehim mas-socjeta' ntimata u bhala parti mill-kuntratt, is-socjeta' kienet taghtu mobile, izda huwa kien irrifjuta li jiehu dan il-mobile u ghalhekk zid xi flus u ha mobile iehor tad-ditta 'Nokia 5880'. Dan il-ftehim kien ghal sentejn fejn il-garanzija fuq l-imsemmi mobile kien ta sentejn ukoll.

Fl-ewwel tmintax (18)-il xahar mill-kuntratt, ir-rikorrent kien ha l-imsemmi mobile ghal mhux inqas minn tliet (3) darbiet ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija. Fis-26 ta' Lulju 2011, huwa kien ha l-mobile fil-fergha ta' Birkirkara ghaliex il-buttuna ta' l-energija ma kenitx qed tiffunzjona. Meta r-rikorrent hadu l-hanut, is-socjtea' ntimata qaltlu li kienet ser tirrangah, izda wara li kienu ghaddew tliet (3) gimghat u r-rikorrent ma kien sema' xejn, huwa cempel lis-socjeta' fejn it-teknici kienu qalulu li kienu ser jibghatu l-mobile tieghu barra minn Malta ghand il-kumpannija ta' 'Nokia' biex isewwuh huma, ghaliex huma ma setghux isibu tarf tal-problema.

Fil-15 ta' Settembru 2011, ir-rikorrent gie nformat b'telefonata minghand is-socjeta' ntimata, li l-mobile tieghu kien wasal Malta izda ma kienx gie rrangat minghand il-kumpannija ta' 'Nokia' ghaliex kienu qalu li xi hadd qabilhom kien ipprova jsewwieh u ghalhekk ma kienux ser jerfghu r-responsabbilita'. L-ghada, ir-rikorrent reggha rcieva telefonata ohra fejn is-socjeta' ntimata kienet qaltlu li l-mobile kien gie rrangat mit-teknici taghhom. Meta r-rikorrent mar il-hanut tas-socjeta' biex jigbor il-mobile, huwa talab sabiex mal-garanzija ta' sentejn, is-socjeta' taghtih tmien (8) gimghat addizzjonali, ghall-perjodu li l-mobile kien dam ghand is-socjeta'. Is-socjeta' ntimata minnflok, qaltlu li l-garanzija ha twaqqafha ghaliex kienet giet ordnata minghand tan-'Nokia' stante li xi hadd kien ipprova jsewwi dan il-mobile qabilhom.

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'dan kollu u jhoss li din l-iskuza m'hijiex wahda accettabli, ghaliex kienu dejjem it-teknici tas-socjeta' ntimata li haddmu fuq il-mobile in kwistjoni u ma kien hemm l-ebda terzi persuni li haddmu fuqu, u dana apparti mill-fatt li l-mobile ghadu kopert bil-garanzija. Ir-rikorrent ihoss li din hija kontradizzjoni meta l-ewwel is-socjeta' ntimata qaltlu li kienu qed issewwuh it-teknici taghha, imbaghad qaltlu li dawn it-teknici qatt ma hadmu fuqu ghaliex huma ma jsewwux mobiles tad-ditta 'Nokia'. Ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob rifuzjoni ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350.00) li huwa kien hallas sabiex akkwista l-mobile in kwistjoni.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-ewwel lok, is-socjeta' ntimata m'hijiex il-legittima kontradittrici peress li hija qatt ma dahlet fil-ftehim imsemmi mir-rikorrent.

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni imsemmija fuq, it-talba tar-rikorrent mhix gustifikata u dan kif ser jigi spjegat u ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi in oltre, ukoll minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjeta' ntimata titlob li tigi kjamata fil-kwistjoni s-socjeta' Intercomp Marketing Limited – C 20612 ta' HS Restall Buildings, Aldo Moro, Marsa.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub billi stqarr illi huwa kien ghamel kuntratt ta' sentejn mas-socjeta' ntimata, u bhala parti mill-ftehim kien inghata mobile fejn hallas mitejn Ewro (€200.00) ohra sabiex ha l-mudell ahjar, u cioe' 'Nokia 5880'. Fl-ewwel sitt (6) xhur huwa kien ha l-mobile ghat-tiswija ghal tliet (3) darbiet, meta imbaghad gie informat li xi hadd kien ipprova jifthu qabel ma nghata lil 'Nokia'. Stqarr ukoll li s-socjeta' ntimata rieditu jiffirma karta fejn taqa' l-garanzija. Il-mobile in kwistjoni ghadu ghand is-socjeta' ntimata. Zied jghid li huwa ma ghandux x'jaqsam mas-socjeta' 'Intercomp' rigward xi flus li ntalab ihallas, ghaliex huwa ghamel il-kuntartt mas-socjeta' ntimata. Il-problema l-ohra hi li ha l-mobile jahdem pero' issa ma jintefhiex.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tas-'subscription order form' bin-numru 501531, iffirmat miz-zewg partijiet, flimkien ma' kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet, li gew immarkat bhala Dok.KD1. Dok.KD2 u Dok.KD3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-Sur Bilocca, prodott mis-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata tieghu stqarr illi hu ma hadimx fuq il-mobile in kwistjoni, pero' li l-mobile infetah mis-socjeta' ntimata sempliciment sabiex tara jekk kienx hemm xi seals imxarrbin u jekk le sabiex taghmel visual inspection u tibghatu lil 'Nokia'.

Is-socjeta' ntimata ezebiet tliet (3) dokumenti li juru li l-mobile kien gie mbaghbas u r-rapporti li ntbaghtu minn barra, li gew immarkati bhala Dok.MB1, Dok.MB2 u Dok.MB3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni li ma jistax ikun li mobile phone jittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta jibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur; jinnota l-verzjonijiet konflingenti tal-partijiet, il-fatt li l-garanzija kienet ghadha fis-sehh u l-fatt principali li l-mobile phone in kwistjoni kien gie msewwi diversi drabi fil-passat u ghalhekk hemm kunflitt ta' provi da parti tas-socjeta' ntimata rigwardanti l-allegat terzi persuni li setghu diga' hadmu fuq l-imsemmi mobile, qed jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, u jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, billi jordna lis-socjeta' ntimata thallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrent, b'dan illi l-mobile phone jigi propjeta'

tas-socjeta' ntimata wara li jsir il-hlas, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**